**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 4 ta' Settembru, 2017**

**Rikors Nru. 742/2017**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru 1145/2017**
**fl-ismijiet**

**Integrated Business Systems Limited**

**vs**

**Microsoft Ireland Operations Limited**
**socjeta estera bl-indirizz The Atrium Building,**
**Block B, Carmanhall Road, Sandyford Business Park,**
**Dublin 18, Ireland kif rapprezentata mill-mandatarju**
**specjali taghha l-Avukat Joseph Camilleri u**
**Microsoft Malta Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjetajiet sekwestrati tal-11 ta' Awwissu, 2017 ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 1145/2017 mahrug mis-socjeta Integrated Business Systems Limited (maghrufa f'dan id-digriet bhala IBSL) u dan a bazi tal-artikolu 836(1)(d) u 836(1)(f);

Rat ir-risposta tas-socjeta IBS Limited;

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Qabel xejn qed jigi ribadit il-principju li jorbot il-hrug tal-mandat kawtelatorju kif enunzjat fid-digriet ricenti **Avukat Dottor Nicolai Vella Falzon noe vs Elitavia Malta Limited et** fit-23 ta' Awwissu 2017 fejn intqal hekk:

> Skont il-Kodici tal-Procedura taghna, persuna tista', minghajr mhu mehtieg li qabel ikun hemm decizjoni, tqieghed fiz-zgur il-jeddijiet taghha bil-mezz ta' wiehed jew izjed mill-mandati kawtelatorji, illi, wara li jigu mharsa minn dik il-persuna l-kundizzjonijiet li jrid il-Kodici, jigu mahruga u ezegwiti taht ir-responsabbiltà taghha (artikolu 830 tal-Kap. 12). L-unici verifiki li taghmel il-Qorti f'dan l-istadju ta' qabel il-hrug ta' mandat kawtelatorju, huwa li jigi zgurat r-rikorrent jindika b'mod kemm jista' jkun car l-origini u x-xorta tad-debitu jew il-pretensjoni li wiehed ikun irid iqieghed fiz-zgur u fejn id-dritt imfittex li jkun assikurat blatt huwa dejn, jew talba li tista' tkun sodisfatta bil-hlas ta' ammont ta' flus, l-ammont li ghalih tammonta t-talba u li r-rikorrent jikkonferma t-talba tieghu bil-gurament (artikolu 831 tal-Kap. 12). Tenut kont li verifiki aktar fil-fond minn hekk jistghu jiehdu z-zmien taghhom u fil-frattemp l-iskop kollu ta' mandat kawtelatorju jista' facilment jigi imxejjen, bhala mezz ta' verifika ulterjuri wara l-hrug ta' mandat kawtelatorju, il-ligi taghna tipprovdi l-procedura kkontemplata fl-artikolu 836 tal-Kap. 12 sabiex jigi zgurat illi mandat kawtelatorju jkun inhareg skont il-ligi u ghar-ragunijiet li trid il-ligi u fin-nuqqas, il-mandat kawtelatorju jista' jigi revokat mill-Qorti, sew ghal kollox jew f'parti minnu. Illi ghaldaqstant id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 836 tal-Kap. 12 iridu jigu interpretati f'dan l-ambitu. Ghad illi l-ezami li jrid isir a tenur tal-artikolu 836 tal-K p. 12 huwa aktar fil-fond mill-ezami pjuttost formali u superficjali li jsir qabel il-hrug tal-Mandat, tenut kont anki ta' dak li jinghad specifikatament fl-artikolu 836 tal-Kap. 12 subinciz (d), l-ezami li jrid isir hawnhekk, xorta wahda jibqa' llimitat ghal-livell ta' prima facie.
>
> Illi fir-rigward ta' proceduri li jsiru ai termini tal-artikolu 836 tal-Kap. 12, il-Qorti kemm-il darba ghamlitha cara illi hija b'ebda mod ma ghandha tidhol fil-fond tal-vertenza ghaliex din il-procedura hi mahsuba li tkun wahda sommarja, u l-ezami taghha ghandu jkun biss fuq bazi prima facie.

F'dan l-aspett irid jigu kunsidrati zewg lanjanzi procedurali da parti tas-socjetajiet sekwestrati. L-ewwel lanjanza hi li ma hemmx relazzjoni ma Microsoft Malta billi l-ftehim kien jirrigwarda s-socjeta sekwestranti u s-socjeta Microsoft Ireland Operations Limited. Il-Qorti ma tqis li fl-ambitu ta' hrug ta' mandat ta' sekwestru u r-revoka tieghu a bazi tal-artikolu 836(1)(d) u 836(1)(f) din il-Qorti tista' tidhol fil-mertu proprju tal-azzjoni li saret min IBSL kontra z-zewg socjetajiet izda xorta ghandha l-obbligu li tara li hemm ness prima facie bejn il-partijiet koncernati. Ir-raguni ghal hrug ta' mandat fil-fehma tas-socjeta sekwestranti hi d-danni mill-uzu doluz ta' proprjeta intellettwali allegatament appartenenti s-socjeta sekwestranti konsistenti f'customisations u add ons fi program tal-computer . Is-socjeta sekwestanti qed tallega illi l-pretensjoni kontra Microsoft Malta hi li hi ghenet biex ex klijenti tas-socjeta sekwestranti jaqilbu minghand is-socjeta sekwestranti ghal ditti ohra u in oltre s-socjeta Microsoft Ireland Operations ippermettiet li l-customisations u add ons jintuzaw min terzi kontra d-drittijiet tal-awtur tas-socjeta sekwestranti. Qed jigi allegat

illi Microsoft Ireland ghadha qed izzomm fuq il-pjattaforma taghha dawn il-customisations u add ons u tikkontrolla l-accessibilita ghal terzi. Fil-fehma tal-Qorti dan jikkostitwixxi prima facie pretensjoni ta' dritt u ness bejn il-partijiet ghal fini ta' hrug ta' mandat ta' sekwestru. Jekk is-sekwestrant ghandux ragun f'din il-pozizzjoni legali, dan ghandu jigi kunsidrat fi l-mertu tal-kawza bejn il-partijiet li hi sub iudice.

Is-sekwestrati jsostnu wkoll illi s-sekwestru sar minghajr preavviz permezz ta' ittra legali jew ufficjali dwar il-pretensjoni tas-socjeta sekwestranti. Huma jsostnu illi l-artikolu 836(8)(b) tal-Kap. 12 jitlob li trid tintbaghat tali ittra kontenenti il pretensjoni hmistax-il jum qabel l-prezentazzjoni tal-mandat.  Il-Qorti taqbel ma' dan l-argument li kieku dan il-mandat sar qabel ma giet ventilata ebda pretensjoni. Izda jirrizulta li l-kawza bejn il-partijiet infethet xhur ilu fejn il-pretensjoni saret fil-forma ta' kawza. Is-sekwestrat laqa' ghal din il-kawza billi cahad kwalsiasi forma ta' ness jew responsabilta. Hu minnu li fil-kawza l-pretensjoni hi wahda da liquidarsi pero l-Qorti tqis li l-ispirtu tal-ligi gie sodisfatt bil-prezentazzjoni tal-kawza u c-cahda in kondizzjonata tas-sekwestati. Is-sekwestru wara kollox hu mezz ta' preservazzjoni ta' kreditu da parti tal-kreditur u ma hemmx xi terminu jew zmien meta ghandu jsir. F'dan il-kaz il-Qorti tqis li l-artikolu 836(8)(b) tal-Kap. 12 gie sodisfatt.

Is-sekwestrati jsostnu wkoll illi l-ammont mitlub mhux prima facie gustifikat jew eccessiv skond l-artiklu 836(1)(d) . Is-socjeta sekwestranti tispjega illi l-qliegh annwali minn customisations u add ons fl-2009 kien ta' €2,754,907.50. Il-qliegh li qed taghmel Microsoft mill-licenzja ghall-uzu tal-customisations u add ons mill-ex klijenti tas-sekwestrant kien ta' €194,889 li wkoll multiplikat sal-2017 jammonta ghal €1,461,667 b'kollox €4,216,575. Il-Qorti tqis li dan l-ammont ma jirrizultax prima facie gustifikat. Fl-ewwel lok is-socjeta sekwestranti ipprezentat biss l-audited accounts ghas-sena li spiccat tal-2006 u ghal ebda sena wara. Minn dawn l-accounts, almenu safejn setghet tifhem il-Qorti l-qliegh nett ghas-sena 2006 kien ta' €59,924 liema ammont lanqas jispjega minn liema sors gej il-qliegh cioe hux kollu mill-customisation u add ons jew servizzi ohra lil-klijenti ohra. Fit-tieni lok is-socjeta sekwestranti tassumi bla ebda prova tangibbli fl-atti tas-sekwestru kemm qed iddahhal Microsoft mill-licenzji u dan bla ma anqas tiddistingwi min qed jaghmel dan il-qliegh cioe hux Microsoft Ireland jew Microsoft Malta. Dak li jintqal f'affidavit ta'

direttur tas-socjeta sekwestranti, kif sottomess bhala prova mis-socjeta sekwestranti, fil fehma tal-Qorti ma tikkostitwix il-prova prima facie ai fini tas-sekwestru u l-ammonti hemm indikati. Il-Qorti in oltre ma sabet ebda solliev mill-affidavit tal-accountant Andrew Galea li wasal ghac-cifri mertu tas-sekwestru. B'zieda ma' dan lanqas jirrizulta x'tip ta' qliegh kienet ser tkompli taghmel is-socjeta sekwestranti kieku baqghet taghti s-servizz taghha, u jekk il-klijenti kienux ser ikomplu jitolbu dan is-servizz. Rinfaccjat b'dan il-Qorti tqis illi l-ammont indikat fis-sekwestru fuq il-fatti skarni disponibbli fl-atti tal-mandat hu eccessiv u l-Qorti qed tirriducih ghas-somma ta' €50,000 fil-konfront taz-zewg sekwestrati.

In kwantu ghat-talba ghal penali u garanzija l-Qorti tqis illi tenut kont tal-pretensjoni kif kawtelata bil-majiera ridotta mill-Qorti ma hemmx lok f'dan l-istadju ghall-impozizzjoni ta' ebda penali jew garanzija sakemm ma jintwerix fi stadju ulterjuri raguni serja u impellenti ghaliex is-socjetajiet sekwestrati ghandhom jinghatalhom garanzija.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti tqis illi ghandha tintlaqa' it-talba tas-socjeta sekwestrata a bazi tal-artikolu 836(1)(d) u dan limitatament ghall-ammont sekwestrat li ghandu jigi ridott mis-socjeta sekwestranti fi zmien erbgha u ghoxrin siegha ghall-ammont ta' €50,000. Spejjez jithallsu tlett kwarti mis-socjeta sekwestranti u kwart mis-socjetajiet sekwestrati.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur